

Brussell, 8 ta' Diċembru 2016
(OR. en)

15406/16

SOC 788
EMPL 532
ANTIDISCRIM 82
GENDER 46
JAI 1075
EDUC 424
JEUN 109
FREMP 203
COHOM 161

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Diċembru 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14294/16 SOC 688 EMPL 471 ANTIDISCRIM 67 GENDER 41 JAI 934 EDUC 364 JEUN 97 FREMP 183 COHOM 141
Suġġett:	L-Aċċellerar tal-Proċess ta' Integrazzjoni tar-Rom - Konklużjonijiet tal-Kunsill (8 ta' Diċembru 2016)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aċċellerar tal-Proċess ta' Integrazzjoni tar-Rom, adottat mill-Kunsill EPSCO fit-3507 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Diċembru 2016.

**L-Aċċellerar tal-Proċess ta' Integrazzjoni¹ tar-Rom
- Konklużjonijiet tal-Kunsill**

FILWAQT LI JFAKKAR LI

1. L-ugwaljanza hija waħda mill-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni hija waħda mill-kompiti speċifiċi tagħha.
2. Fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni tieħu kont tal-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjeg, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.
3. Il-Kunsill għandu s-setgħat li jieħu azzjoni adatta għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Huwa eżerċita dawn is-setgħat fl-adozzjoni tad-Direttiva 2000/43/KE, li tistabbilixxi qafas għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' oriġini razzjali jew etnika fl-Unjoni kollha b'rabta mal-impjegi u t-taħriġ, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali (inklużi s-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa), il-vantaġġi soċjali u l-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, inkluża l-akkomodazzjoni.

¹ Għall-fini ta' dawn il-Konklużjonijiet, bħal f'dokumenti oħra politiċi tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kunsill, it-terminu "Rom" jintuża bħala terminu umbrella li jinkludi wkoll gruppi oħra ta' persuni li għandhom karatteristiċi kulturali pjuttost simili, bħas-Sinti, it-Travellers, il-Kalé, il-Gens du voyage, eċċ., kemm jekk huma sedentarji kif ukoll jekk le.

4. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi ta' kwalunkwe raġuni bħas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali u li, skont il-Karta, l-Unjoni, sabiex jiġi miġġielda l-esklużjoni soċjali u l-faqar, tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għal għajjnuna soċjali u għal għajjnuna għall-akkomodazzjoni sabiex tiżgura l-eżistenza dinjituża għal dawk kollha li huma neqsin minn riżorsi suffiċjenti, skont ir-regoli stabbiliti mil-liġi Komunitarja u mil-liġijiet u prattiċi nazzjonali.
5. Dan is-sett ta' Konklużjonijiet jibni fuq il-ħidma preċedenti u l-impenji politiċi tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni u fuq il-ħidma ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inkluż id-dokumenti elenkati fl-Anness I.
6. Il-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom² sal-2020 ġie stabbilit fl-2011 meta l-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li stipulat "Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020" waqt li poġġiet is-suġġett bħala prijorità fuq l-aġenda tal-UE u pproponiet miżuri konkreti. Il-Kunsill imbagħad adotta sett ta' Konklużjonijiet intitolat "Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020" u ftit wara l-Kunsill Ewropew appella għall-implimentazzjoni rapida tal-Konklużjonijiet.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

7. JAFFERMA MILL-ĠDID il-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020, fejn skont dan l-Istati Membri tal-UE impenjaw ruħhom li jiżviluppaw, jimplimentaw u jissorveljaw l-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom rispettivi tagħhom jew is-settijiet integrati ta' miżuri ta' politika tagħhom fi ħdan il-miżuri ta' inklużjoni soċjali usa' tagħhom f'konformità ma' approċċ komprensiv ibbażat fuq l-evidenza.

² Tul dawn il-Konklużjonijiet it-terminu "strateġiji" jkopri "settijiet integrati ta' miżuri ta' politika" kif ukoll strateġiji.

8. IFAKKAR LI d-daqs u s-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tal-popolazzjoni Rom ivarjaw konsiderevolment bejn l-Istati Membri differenti, u li għalhekk l-approċċi nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom għandhom ikunu proporzjonati u mfassla apposta għaċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet speċifiċi fuq il-post. JIRRIKONOXXI li r-rekwiżiti tal-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-oqfsa legali u ta' politika rispettivi tal-Istati Membri.
9. IFAKKAR fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom adottata fl-2013, li rrinfurzat il-Qafas tal-UE u appella lill-Istati Membri biex ta' kull sena jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-miżuri li jittieħdu f'konformità mar-Rakkomandazzjoni u l-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-Istrateġiji Nazzjonali tagħhom għall-Integrazzjoni tar-Rom jew settijiet integrati tal-miżuri ta' politika fi ħdan il-miżuri ta' inklużjoni soċjali usa' tagħhom.
10. JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2016 li tivvaluta l-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri, WAQT LI B'DISPJAĊIR JINNOTA l-fatt, enfasizzat b'mod ċar fil-Komunikazzjoni, li minkejja l-miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri, sar biss progress limitat fl-avvanz tal-integrazzjoni tar-Rom, partikolarment fil-livell lokali. Ir-raġunijiet għal dan jinkludu kooperazzjoni insuffiċjenti bejn il-partijiet ikkonċernati, nuqqas ta' impenn mill-awtoritajiet lokali, u l-użu mhux effettiv tal-fondi disponibbli u d-diskriminazzjoni li għadha ssir kontra r-Rom.
11. JIRRIKONOXXI l-kriżi attwali tar-refuġjati li qed tippreżenta sfidi ġodda għall-Istati Membri u toħloq il-ħtieġa għal diskussjoni u inizjattivi ġodda fil-livell Ewropew dwar il-koeżjoni soċjali u l-integrazzjoni soċjali fi ħdan l-UE. Fl-istess ħin, JAFFERMA B'MOD QAWWI l-ħtieġa li għad hemm għal miżuri integrati biex tittejjeb is-sitwazzjoni ta' gruppi emarġinati u żvantaġġati fl-Ewropa, inklużi r-Rom.

12. JIRRIKONFERMA l-impenn tiegħu għall-proċess ta' integrazzjoni tar-Rom, inkluż l-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE kif stabbilit fl-2011 u kkomplementat bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2013, u d-determinazzjoni tiegħu li jiżgura li l-istrumenti kollha politiċi, legali u finanzjarji li ġew stabbiliti jintużaw fit-totalità tagħhom biex tingħalaq il-lakuna bejn ir-Rom u dawk mhux Rom.
13. JILQA' l-eżitu tal-Avveniment ta' Livell Għoli dwar l-Abilitazzjoni taż-Żgħażaġħ Rom organizzat b'mod konġunt mill-Presidenza Slovakkja u l-Kummissjoni Ewropea, li kkonferma mill-ġdid il-ħtieġa urġenti tal-abilitazzjoni taż-żgħażaġh Rom u biex jiġu involuti b'mod attiv fil-politika ta' integrazzjoni tar-Rom. Saret ukoll sejħa qawwija għal rwol akbar għaż-żgħażaġh Rom fit-tfassil tal-politiki ewlenin li jħallu impatt fuqhom. Il-parteċipanti iddikjaraw l-ambizzjoni tagħhom li jappoġġaw liż-żgħażaġh Rom biex isiru forza mexxejja tal-integrazzjoni tar-Rom fl-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, huma tennew l-impenn tagħhom li jżidu l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażaġh Rom fi programmi u miżuri mmirati lejn iż-żgħażaġh.

IĦEĠĠEĠ LILL-ISTATI MEMBRI BIEX

14. IHAFU l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom jew tas-settijiet ta' miżuri ta' politika integrati li impenjaw ruħhom għalihom fi ħdan il-Qafas tal-UE, skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, b'attenzjoni speċjali għad-dimensjoni tas-sessi u s-sitwazzjoni taż-żgħażaġh Rom.
15. Isaħħu l-isforzi tagħhom biex itejbu l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tar-Rom, speċjalment fil-livell lokali.
16. B'konsiderazzjoni tal-prattika nazzjonali, jevalwaw l-effettività tal-Istrateġiji Nazzjonali tagħhom għall-Integrazzjoni tar-Rom u jaġġornawhom regolarment, jiddefinixxu azzjonijiet ċari, u jiffissaw miri u objettivi miżurabbli, bil-ħsieb li jiġi aċċellerat il-proċess ta' integrazzjoni tar-Rom, b'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'dawn il-Konklużjonijiet.

17. Jiżguraw permezz ta' politiki ewlenin jew miżuri mmirati, aċċess ugwali għall-impjiegi u l-edukazzjoni sabiex ir-Rom ikunu jistgħu jilhqqu l-potenzjal tagħhom fis-suq tax-xogħol. Huma meħtieġa, b'mod partikolari, sinerġiji bejn il-linji politiċi għall-edukazzjoni u l-impjiegi sabiex jiżdiedu l-flessibbiltà, il-mobbiltà u l-impjegabbiltà ta' Rom qiegħda. Bħala parti minn dan l-isforz, il-linji politiċi reġjonali għall-iżvilupp jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għall-ħolqien ta' opportunitajiet sostenibbli ta' impjiegi fir-reġjuni l-inqas żviluppati.
18. Jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażaġħ Rom permezz tal-iżvilupp, f'konformità mal-prattika nazzjonali, ta' programmi mfassla biex dawn ikunu jistgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol b'suċċess. Jippromwovu politiki bħal taħriġ vokazzjonali u fil-post tax-xogħol, servizzi individwali ta' pariri, programmi dwar l-intraprenditorija soċjali u l-ewwel esperjenza ta' xogħol, kif ukoll aktar opportunitajiet ta' impjieg fis-settur pubbliku, speċjalment fis-sistema edukattiva, sabiex tiġi evitata t-trasmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar fil-komunitajiet Rom. Jiżguraw li żgħażaġħ Rom ikunu jistgħu jibbenefikaw fuq bażi ugwali ma' oħrajn minn miżuri meħuda fil-kuntest tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ u l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.
19. Jieħdu passi għall-abilitazzjoni taż-żgħażaġħ Rom permezz tal-promozzjoni tal-mekkaniżmi ta' tfassil ta' politika parteċipatorju sabiex dawn jingħataw leħen konkret fl-oqsma ta' politika li jkollhom impatt dirett fuqhom.
20. Jiżguraw li s-sitwazzjoni taż-żgħażaġħ Rom tiġi indirizzata fil-politiki ewlenin dwar iż-żgħażaġħ jew f' miżuri mmirati.
21. Jiżguraw li s-sitwazzjoni tat-tfal Rom tiġi indirizzata fil-politiki ewlenin jew f' miżuri mmirati.
22. Jiżguraw li s-sitwazzjoni speċifika tan-nisa u l-bniet Rom fis-soċjetà tiġi indirizzata fil-politiki ewlenin dwar il-ġeneru jew f' miżuri mmirati u li jinkludu dawn il-miżuri fi ħdan l-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom jew settijiet integrati ta' miżuri ta' politika.

23. Jiffaċilitaw approċċ proattiv u parteċipatorju għall-integrazzjoni permezz tal-involvement sinifikattiv tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż in-nisa Rom u ż-żgħażaġh Rom, fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rieżami tal-politika u r-rappurtar ta' intervenzjonijiet immirati lejn ir-Rom. Jiġbru l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-fehmiet tar-Rom fil-livell lokali, dwar il-progress fl-integrazzjoni tar-Rom u l-isfidi li jifdal.
24. Jiżviluppaw aktar il-metodoloġiji xierqa tal-ġbir ta' data, tal-monitoraġġ u tar-rappurtar kif meħtieġ sabiex jiġu appoġġati politiki effettivi bbażati fuq l-evidenza. Il-metodoloġiji għall-ġenerazzjoni ta' data disaggregata skont l-etniċità għandhom jitħallew għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri u jikkonformaw mal-oqfsa legali nazzjonali tal-Istati Membri individwali u jkun konformi mal-prinċipju tas-sussidarjetà. Fejn ma jkunx legalment possibbli li tinġabar data etnikament disaggregata, jew fejn tali data tkun limitata, jistgħu jintużaw metodoloġiji oħra biex tinkiseb data affidabbli alternattiva. Iżommu sistema robusta għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-effettività tal-istrateġiji nazzjonali. Jiżguraw li s-sostenn finanzjarju jilħaq lill-benefiċjarji finali u li l-impatt ta' miżuri mmirati u/jew ewlenin dwar ir-Rom jiġi dokumentat adegwatament u jkun jista' jiġi vvalutat kif xieraq.
25. Iżidu l-isforzi biex tiġi eliminata kull forma ta' segregazzjoni fl-edukazzjoni billi jippromovu l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal inklużiva u ta' kwalità għat-tfal Rom. Jieħdu miżuri biex jiżguraw li t-tfal kollha jibbenefikaw b'mod sħiħ mid-dritt għall-edukazzjoni. Jeliminaw is-segregazzjoni tat-tfal Rom fi skejjel speċjali, peress li din tikkostitwixxi forma ta' esklużjoni soċjali. Jipprovdu edukazzjoni primarja, sekondarja u edukazzjoni għolja ta' kwalità għat-tfal Rom f'ambjenti ġenerali inklużivi u jippromovu b'mod vigoruż it-transizzjoni b'suċċess tagħhom mill-iskola għall-edukazzjoni avvanzata jew l-impjieg.
26. Jiżguraw, permezz ta' politiki ewlenin jew miżuri mmirati, aċċess ugwali għar-Rom għal servizzi tal-kura tas-saħħa primarji u speċjalizzati universali. Jekk meħtieġ, jiksibu finanzjament għal programmi ta' medjaturi tal-kura tas-saħħa għar-Rom. Iwessgħu l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa inkluż billi jżidu s-sensibilizzazzjoni tal-kura tas-saħħa u jtejbu l-aċċess għat-tilqim u għall-kura tas-saħħa preventiva fil-komunitajiet Rom.

27. Jimpedixxu aktar żgumbramenti infurzati mhux ġustifikati tar-Rom billi jiżguraw li l-iżgumbramenti infurzati dejjem iseħħu f'konformità totali mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali u f'konformità mal-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Jiżguraw li l-persuni kkonċernati jingħataw perijodu ta' żmien raġonevoli u informazzjoni adegwata u li tiġi offruta akkomodazzjoni alternattiva lil familji li jiġu żgumbrati, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali.
28. Jirrikonoxxu d-diskriminazzjoni u r-razziżmu li jaffettwaw lir-Rom, u b'kont meħud ta' dan, jieħdu miżuri fil-livelli nazzjonali u lokali biex jiġu implimentati u infurzati salvagwardji legali kontra d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu, il-ksenofobija, reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda, f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari mal-Artikolu 21 tagħha u d-Deċizzjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali. Jiġġieldu kontra l-forom kollha tar-razziżmu kontra r-Rom, xi drabi msejjaħ anti-Żingariżmu, peress li dan huwa wieħed mill-kawżi ewlenin tal-esklużjoni soċjali tagħhom u d-diskriminazzjoni kontribhom.
29. Jindirizzaw il-preġudizzji kontra r-Rom permezz tas-sensibilizzazzjoni u miżuri sensitizzanti mmirati lejn il-popolazzjoni ġenerali, pereżempju permezz tal-promozzjoni ta' immaġni pożittiva tar-Rom, jew il-promozzjoni tal-kultura, il-lingwa u l-istorja Rom, permezz tal-kurrikuli tal-iskola, il-media, programmi akkadeimiċi jew ir-riċerka.
30. Jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiżguraw l-infurzar effettiv u prattiku tad-Direttiva 2000/43/KE dwar l-Ugwaljanza Razzjali, inkluż billi jiżguraw li r-regolamenti amministrattivi nazzjonali, reġjonali u lokali tagħhom ma jkunux diskriminatorji u ma jirriżultawx fi prattiki ta' segregazzjoni.
31. Waqt li jieħdu nota tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew 2015/2615, jirrikonoxxu u jikkommemoraw il-vittmi tal-ġenoċidju tar-Rom li sar matul it-Tieni Gwerra Dinjija, skont il-prattiki nazzjonali tagħhom.
32. Isaħħu l-pożizzjoni tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Rom billi jiżguraw li dawn ikollhom ir-riżorsi neċessarji u kondizzjonijiet adatti tax-xogħol kif ukoll billi jingħataw mandat adegwat biex iwettqu l-kompiti tagħhom ta' koordinazzjoni.

IĦEĠĠEĠ LILL-KUMMISSJONI BIEX:

33. Twettaq evalwazzjoni ta' nofs it-term tal-Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020 u tipproponi strateġija għal wara l-2020 dwar l-integrazzjoni tar-Rom, li tkun tinkludi proposta għar-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.
34. Tesplora modi biex jiġi żgurat li l-potenzjal mhux sfruttat taż-żgħażaġh qiegħda Rom jiġi ġestit permezz ta' politiki tal-impjieg orjentati lejn iż-żgħażaġh.
35. Tkompli tipprowdi appoġġ, gwida u finanzjament lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, lis-soċjetà ċivili tar-Rom u atturi rilevanti oħra impenjati b'mod attiv fl-integrazzjoni tar-Rom, b'mod partikolari l-atturi lokali li jaħdmu direttament mal-komunitajiet tar-Rom u tappoġġa l-bini ta' kapacià tagħhom sabiex tiġi promossa l-mobilizzazzjoni attiva tagħhom.
36. Tippromwovi d-djalogu, il-kooperazzjoni u l-qsim ta' prattiki effettivi bejn il-partijiet ikkonċernati, inkluż permezz tal-Pjattaformi Nazzjonali tar-Rom kif ukoll il-Pjattaforma Ewropea għall-Inklużjoni tar-Rom.

IĦEĠĠEĠ LILL-KUMMISSJONI U L-ISTATI MEMBRI, f'kooperazzjoni mill-qrib, u f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom , biex

37. Jippromwovu l-abilitazzjoni, l-involviment attiv u l-parteciġipazzjoni neċessarja tar-Rom, b'mod partikolari taż-żgħażaġh Rom, fil-livelli kollha tal-iżvilupp tal-politika, it-teħid ta' deċiżjonijiet, u l-implimentazzjoni tal-politika, b'fokus partikolari fuq l-opportunitajiet għal impjieg kif ukoll l-edukazzjoni.
38. Jiżguraw li l-politiki dwar l-integrazzjoni tar-Rom isiru parti integrali tal-oqsma rilevanti kollha ta' politika, inkluż fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020.

39. Jiżguraw li r-riżorsi disponibbli kollha, inkluż il-fondi nazzjonali u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, jintużaw b'mod effettiv u b'mod integrat u komplementari. Barra minn hekk, jiffaċilitaw l-aċċess għall-fondi disponibbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali ta' gruppi emarġinati inkluż ir-Rom u jżidu r-rata ta' assorbiment tal-fondi tal-UE fil-pajjiżi fejn hemm l-akbar komunitajiet tar-Rom u skont il-prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom.
40. Jużaw l-istħarriġ u l-analiżi disponibbli mwettqa mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali biex jiġu stabbiliti indikaturi ta' monitoraġġ u rappurtar orjentati lejn ir-riżultati li jgħinu lill-awtoritajiet rilevanti kollha jiżguraw l-użu trasparenti, responsabbli u effettiv tal-fondi pubbliċi dedikati għall-integrazzjoni tar-Rom.
41. Ikomplu bil-kooperazzjoni dwar l-integrazzjoni tar-Rom ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali bħall-Kunsill tal-Ewropa.
42. Ikomplu jużaw l-għodod u l-mekkaniżmi eżistenti tal-livell tal-UE, bħan-Netwerk ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Rom, il-Pjattaforma Ewropea għall-Inklużjoni tar-Rom, l-iskambju tal-aħjar prattika u s-sistema ta' rappurtar stabbilita fil-kuntest tal-qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020. Jevalwaw u, jekk meħtieġ, itejbu dawn l-għodod f'konformità ma' ċirkostanzi nazzjonali, bil-ħsieb tal-implimentazzjoni effettiva tal-politiki nazzjonali.
-

Referenzi

Kunsill Ewropew: - Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (23/24 ta' Ġunju 2011) - EUCO 23/1/11 REV 1, p. 13.

Kunsill: - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020. ĠU C 258, 2.9.2011, p. 6.

- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri effettivi fl-Istati Membri għall-integrazzjoni tar-Rom. ĠU C 378, 24.12.2013, p.1.

Kummissjoni: - Komunikazzjoni dwar "Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma fl-2020". 8727/11.

- Kummissjoni Ewropea - Dikjarazzjoni. Jum ta' Tifkira tal-Olokawst tar-Rom: Dikjarazzjoni mill-Ewwel Viċi President Timmermans u l-Kummissarju Jourová.

http://europa.eu/rapid/press-release_STATEMENT-15-5444_en.htm?locale=en

- Komunikazzjoni dwar "Tnedija ta' konsultazzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali". 7276/16

- Komunikazzjoni dwar "Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri effettivi fl-Istati Membri ta' integrazzjoni." 10800/16 + ADD 1.

Parlament Ewropew: - Rapport dwar l-istrateġija tal-UE dwar l-inklużjoni tar-Roma. A7-0043/2011.

Opinjoni dwar l-aspetti tal-ġeneru tal-Qafas Ewropew għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Inklużjoni [sic.] Strateġiji. 2013/2066 (INI). A7-0349/2013.

- Riżoluzzjoni tal-15 ta' April 2015 fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tar-Rom – l-anti-Żingariżmu fl-Ewropa u r-rikonossiment, min-naħa tal-UE, tal-jum ta' tifkira tal-ġenoċidju tar-Rom matul it-Tieni Gwerra Dinjija. P8_TA(2015)0095.

Oħrajn: - Rapport mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) intitolat "Il-faqar, is-sessi u l-inugwaljanzi trasversali fl-UE: Reviżjoni tal-implimentazzjoni ta' Taqsima A: In-Nisa u l-Faqar, tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (12132/16 ADD 1)".